IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.8.2014
COM(2014) 507 final

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

RAPPORT ANNWALI 2013
DWAR IR-RELAZZJONIJIET BEJN IL-KUMMISSJONI EWROPEA U L-PARLAMENTI NAZZJONALI

1. INTRODUZZJONI

Fl-2013, ir-relazzjonijiet bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlamenti nazzjonali komplew jevolvu permezz ta' żewġ kanali: fuq naħa, permezz ta' mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà, introdott permezz tat-Trattat ta' Lisbona biex jiġi evalwat jekk il-proposti l-ġodda tal-Kummissjoni (li ma jkunux jaqgħu fl-oqsma ta' kompetenza esklussiva tal-UE) ikunux konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà; u min-naħa l-oħra, permezz tad-djalogu politiku li l-Kummissjoni nediet fl- 2006 biex ittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni u opinjonijiet dwar kwistjonijiet ta' politika, kemm fejn jidħlu proposti leġiżlattivi kif ukoll inizjattivi mhux leġiżlattivi. Barra minn hekk, saru ħafna laqgħat u diskussjonijiet, li jirriflettu r-rikkezza tal-iskambju usa' bejn il-Kummissjoni u l-Parlamenti nazzjonali.

Dan id-disa' rapport annwali dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-Parlamenti nazzjonali jiffoka fuq id-djalogu politiku. Aspetti speċifiċi li jolqtu l-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà, inkluża t-tieni "karta safra" li skattat minħabba numru ta' Parlamenti nazzjonali għall-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (*European Public Prosecutor's Office* - EPPO),[1] jiġu ttrattati fir-Rapport Annwali tal-2013 dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, li huwa ppubblikat b'mod parallel ma' dan ir-rapport u li għandu jitqies bħala kumplementari għaliha.

Din it-tieni "karta safra" kienet espressjoni ċara tar-rieda tal-Parlamenti nazzjonali li jsemmgħu leħinhom fir-relazzjonijiet tagħhom mal-Kummissjoni dwar xi biċċa leġiżlazzjoni partikolari. B'mod aktar ġenerali, id-djalogu politiku aktar wiesa' dwar il-proposti u l-inizjattivi tal-Kummissjoni komplew jippermettu lill-Parlamenti nazzjonali biex ikollhom rwol kostruttiv fit-tfassil tal-politika fil-livell tal-UE, speċjalment fil-kuntest tat-tisħiħ tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew.

Bħal fis-snin preċedenti, id-djalogu politiku fl-2013 sar prinċipalment permezz ta':

i) dibattiti u diskussjonijiet ġenerali bilaterali u multilaterali, ta' spiss waqt laqgħat interparlamentari (taqsima 2);
ii) l-iskambju ta' opinjonijiet bil-miktub mill-Parlamenti nazzjonali u t-tweġibiet tal-Kummissjoni (taqsima 3); kif ukoll
iii) kuntatti u laqgħat matul is-sena (taqsima 4).

Dan ir-rapport jagħlaq b'ħarsa fil-qosor 'il quddiem lejn il-futur tar-relazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-Parlamenti nazzjonali (taqsima 5).

2. IL-KUNTEST USA': LAQGĦAT U SFIDI PRINĊIPALI

Fl-2012, fil-kuntest ta' fraġilità ekonomika li kienet għadha għaddejja, il-Parlamenti nazzjonali ffukaw l-attenzjoni tagħhom fuq ir-reazzjoni Ewropea għall-kriżi, inkluża l-istrateġija Ewropa 2020 u l-qafas finanzjarju pluriennali 2014-20. Fl-2013, filwaqt li l-

[1] COM (2013) 534.

opinjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali komplew jiffukaw fuq il-ġustizzja u l-affarijiet interni, is-suq intern u kwistjonijiet li jikkonċernaw l-Unjoni Monetarja Ewropea, dehru wkoll xi kwistjonijiet aktar speċifiċi fuq l-aġenda politika, bħalma huma d-Direttiva dwar it-tabakk[2] u d-Direttiva dwar it-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji.[3]

Il-Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet tal-Unjoni tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea (COSAC) kompla fil-pożizzjoni tiegħu bħala forum ewlieni għad-diskussjonijiet mal-Parlamenti nazzjonali.

Il-presidenti tal-COSAC iltaqgħu f'Dublin f'Jannar 2013. Waqt din il-laqgħa, id-diskussjonijiet dwar il-prijoritajiet tal-Presidenza Irlandiża wrew li l-ġejjieni tal-UEM u l-kwistjonijiet relatati ta' leġittimità u responsabbiltà demokratika se jibqgħu fuq l-aġenda politika għal żmien mhux ħażin, bil-Parlamenti nazzjonali jinsistu li r-rwol tagħhom, li dejjem qed jiżdied fl-importanza, jiġi kkunsidrat.

Id-49 Plenarja tal-COSAC saret f'Dublin, u kienet fil-parti l-kbira ddedikata għas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini. Għalhekk hija kienet iffukata fuq kwistjonijiet li jikkonċernaw l-integrazzjoni Ewropea futura u l-futur taċ-ċittadini żgħażagħ fl-Ewropa. Fil-50 plenarja tal-COSAC f'Vilnius, kompliet id-diskussjoni dwar il-leġittimità demokratika u r-responsabilizzazzjoni fl-UE u dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali. F'din il-plenarja, il-fundatur tal-COSAC Laurent FABIUS, il-Ministru tal-Affarijiet Barranin Franċiż, għamel diskors dwar il-ħolqien tal-COSAC. F'dan id-diskors, huwa enfasizza li r-raġunijiet għal ħolqien tal-COSAC għadhom validi, u talab għal aktar koordinazzjoni politika u għal kollaborazzjoni aħjar bejn ir-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet nazzjonali. Il-Viċi President tal-Kummissjoni ŠEFČOVIČ tkellem f'diskors ewlieni dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020, u fisser il-proċessi involuti u enfasizza l-isfidi li fadal, b'mod partikolari fir-rigward tal-qgħad, l-innovazzjoni, il-klima u l-enerġija. Saru żewġ dibattiti dwar il-leġittimità demokratika u r-rwol tal-Parlamenti nazzjonali, b'enfasi fuq in-nuqqas ta' konnessjoni li jidher li hemm bejn l-UE u ċ-ċittadini tagħha u l-importanza tal-Parlamenti nazzjonali li jużaw l-għodod għad-dispożizzjoni tagħhom biex jindirizzawh.

Matul l-2013, il-kwistjoni tal-leġittimità demokratika b'mod ġenerali, kif ukoll b'mod aktar speċifiku dwar is-Semestru Ewropew, baqgħu fattur ewlieni għad-diskussjonijiet interparlamentari u tad-djalogu bejn il-Kummissjoni u l-Parlamenti nazzjonali. Dan kien jinkludi inizjattivi informali u aktar formali biex jissaħħaħ l-iskrutinju parlamentari kif ukoll il-koperazzjoni interparlamentari fil-kuntest ta' governanza ekonomika msaħħa, kemm jekk fil-kuntest ġenerali tal-kooperazzjoni interparlamentari (stabbilit fl-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 1 tat-Trattati), jew fuq il-bażi tal- Artikolu 13 tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza, miftiehem fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Marzu 2012 (ara wkoll it-taqsima 5 hawn taħt).

Id-diskussjoni usa' dwar il-leġittimità demokratika ukoll kabbret il-kuxjenza madwar l-UE li hija meħtieġa koordinazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-Istati Membri tal-politiki makroekonomiċi u baġitarji, jekk l-UEM kellha tibqa' funzjonali. Madankollu, kwalunkwe tisħiħ ulterjuri tal-UEM jeħtieġ ukoll li jipprovdi għal kontroll demokratiku qawwi, inkluż mill-Parlamenti nazzjonali u mill-Parlament Ewropew.

---

[2] COM(2012) 788.
[3] COM(2013) 71.

Wieħed mill-aktar żviluppi importanti fir-rigward ta’ governanza ekonomika ġdida li tinvolvi l-Parlamenti nazzjonali kienet l-ewwel “Ġimgħa Parlamentari Ewropea”, bil-parteċipazzjoni ta’ madwar 100 membru minn 26 Parlament nazzjonali, organizzata fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew f’Jannar 2013. Is-sessjonijiet ġew organizzati mill-kumitat għall-Affarijiet Baġitarji, Ekonomiċi u Monetarji u l-kumitat tal-Impjiegi tal-Parlament Ewropew. Id-dibattiti ffukaw l-aktar fuq kwistjonijiet istituzzjonali bħal ma hi l-leġittimità demokratika, iżda koprew ukoll kwistjonijiet konkreti ta’ politika marbuta mas-Semestru Ewropew u l-qafas finanzjarju pluriennali 2014-20, bħall-awsterità kontra t-tkabbir, l-impjiegi taż-żgħażagħ u l-impatt soċjali ta’ aġġustament ekonomiku.

Anki jekk din il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea ma kellhiex l-għan li tasal għal konklużjonijiet konkreti, hija saħħet il-kunsens dwar il-ħtieġa li tissaħħaħ il-leġittimità demokratika tas-Semestru Ewropew billi tiżdied is-sjieda tal-Parlamenti nazzjonali tal-proċess u tal-involviment bikri tagħhom f'dan. Dan jista’ jinkiseb billi jiġu involuti l-gvernijiet rispettivi tagħhom waqt il-fażi li tippreċedi l-preżentazzjoni tal-programmi nazzjonali ta’ riforma. Il-president tal-Kmamar Irlandiżi tal-*Oireachtas* ressaq suġġeriment li jsiru dibattiti speċifiċi dwar kwistjonijiet Ewropej (il-"European Days"), li għandhom isiru fl-istess jum fil-Parlamenti nazzjonali kollha; dan is-suġġeriment intlaqa’ b’interess.

Il-governanza ekonomika ġdida li tinvolvi lill-Parlamenti nazzjonali fil-proċess tas-Semestru Ewropew, kien ukoll, b’mod reali, espress fil-leġiżlazzjoni "two-pack"[4]. Dan jipprovdi għal djalogu ekonomiku bejn l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro bl-appoġġ tal-opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-abbozzi tal-pjani baġitarji rispettivi tagħhom kif ukoll valutazzjoni kumplessiva tas-sitwazzjoni u l-prospetti baġitarji fiż-żona tal-euro kollha kemm hi. Bħala parti minn dan, l-Istati Membri taż-żona tal-euro sottomettew l-abbozzi tal-pjani baġitarji tagħhom lill-Kummissjoni għall-ewwel darba fil-ħarifa tal-2013, u l-Kummissjoni adottat opinjonijiet dwar dawn il-pjani fil-15 ta’ Novembru 2013. Dawn ipprovdew lill-partijiet ikkonċernati (inklużi l-Parlamenti nazzjonali) b'perspettiva indipendenti dwar il-pjani tal-Istati Membri.

3. OPINJONIJIET BIL-MIKTUB MINGĦAND IL-PARLAMENTI NAZZJONALI

In-numru totali ta’ opinjonijiet li waslu mill-Parlamenti nazzjonali żdied b’mod sinifikanti f’dawn l-aħħar snin, iżda jidher li stabbilizza għal ftit aktar minn 600 fis-sena, li minnhom madwar 14 % kienu opinjonijiet motivati (ara l-Anness 1). Wara bidliet fil-proċeduri interni tagħha, il-Kummissjoni issa ġeneralment twieġeb għal dawn l-opinjonijiet fi żmien tliet xhur, li hija stess imponiet fuqha.

Ingħatat prova li d-djalogu politiku mal-Parlamenti nazzjonali hu suċċess, b’valur miżjud ċar. Jekk il-Parlamenti nazzjonali jissottomettu l-opinjonijiet tagħhom fi stadju bikri, dan jista' jservi bħala sistema ta’ twissija bikrija, li tipprovdi lill-Kummissjoni sommarju tal-argumenti prinċipali fuq is-sustanza tal-proposti tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni mbagħad tkun tista'

4 Ir-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u r-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja ta' dawk l-Istati Membri fiż-żona tal-euro li qegħdin jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabbilità finanzjarja tagħhom.

tmexxi n-negozjati mal-Kunsill u l-Parlament Ewropew b'għarfien sħiħ tal-fehmiet espressi mill-Parlamenti nazzjonali. Il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lid-djalogu politiku u b'mod speċjali tistieden lill-Parlamenti nazzjonali biex jirrispondu għal konsultazzjonijiet pubbliċi, il-green papers u l-komunikazzjonijiet matul il-fażi preleġislattiva. Minn Diċembru 2013 lil hawn, il-Parlamenti nazzjonali ġew mgħarrfa b'mod speċifiku dwar il-konsultazzjonijiet pubbliċi kollha tal-Kummissjoni.

Il-parteċipazzjoni u l-ambitu

Iċ-ċifri li ġejjin jirriflettu biss l-attività tal-Parlamenti nazzjonali f'termini tal-parteċipazzjoni tagħhom fid-djalogu politiku fis-sens strett, jiġifieri bil-preżentazzjoni ta' opinjonijiet bil-miktub lill-Kummissjoni. Kif ġie nnutat matul dan ir-rapport u b'mod partikolari fit-taqsima 4, l-attività ta' Parlament nazzjonali dwar l-affarijiet tal-UE ma tistax titkejjel biss fuq il-bażi tal-kontributi bil-miktub ta' djalogu politiku, peress li l-parlamenti Nazzjonali x'aktarx li jkollhom attivitajiet oħra ta' skrutinju. Barra minn hekk, il-Parlamenti nazzjonali ma jressqux kummenti dwar il-proposti kollha jew dwar dokumenti oħra tal-Kummissjoni, iżda jagħmlu għażla skont il-prijoritajiet tagħhom.

B'kollox, ġew riċevuti 621[5] opinjoni mill-Parlamenti nazzjonali fl-2013, li jirrappreżenta tnaqqis ta' madwar 6 % meta mqabbel mal-2012 (663). Kien hemm żieda żgħira bejn l-2011 u l-2012, u żieda sinifikanti ħafna fl-2011, meta mqabbel mal-2010 (7 % fl-2012, iżda 60 % fl-2011).

Wieħed jista' jinnota x-xejriet ġenerali li ġejjin:

- bħala parti mid-djalogu politiku miktub, 16-il Kamra bagħtu aktar opinjonijiet fl-2013 milli fl-2012, 18-il Kamra bagħtu anqas opinjonijiet milli fl-2012, u 2 bagħtu l-istess numru ta' opinjonijiet bħal fl-2012;
- l-attivita ta' djalogu politiku hija mqassma b'mod inugwali bejn il-kmamar tal-Parlamenti nazzjonali (kważi 80 % tan-numru totali ta' opinjonijiet ġew mill-għaxar Kmamar l-aktar attivi);
- il-Parlamenti nazzjonali baqgħu jiffukaw id-djalogu politiku tagħhom mal-Kummissjoni fuq dokumenti leġiżlattivi, u kien hemm biss sehem limitat tal-opinjonijiet tagħhom li huma marbuta ma' tipi oħra ta' inizjattivi.

Fl-2013, il-15-il proposta tal-Kummissjoni li ġibdu l-akbar ammont ta' opinjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali kienu jammontaw għal 144 (23 %) tat-total ta' 621 opinjoni. Bħal fl-2012, madankollu, il-maġġoranza l-kbira tad-dokumenti tal-Kummissjoni li dwarhom ikkummentaw il-Parlamenti nazzjonali matul l-2013 ipprovokaw bejn opinjoni waħda u tlieta, li tirrifletti d-diversi oqsma ta' interess għall-Parlamenti nazzjonali.

Il-proposti u l-inizjattivi tal-Kummissjoni li pprovokaw l-aktar opinjonijiet mill-Parlamenti nazzjonali kienu l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew[6] (20 opinjoni), l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati[7] (17-il

[5] Dawn jinkludu t-88 opinjoni motivata li ġew irċevuti taħt il-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà.
[6] COM(2013) 534.
[7] COM(2012) 788.

opinjoni), l-istabbiliment ta' qafas għall-ippjanar spazjali marittimu u l-ġestjoni integrata tal-kosta[8] (14-il opinjoni), l-istabbiliment ta' qafas dwar l-aċċess għas-suq għas-servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet[9] (10 opinjonijiet), u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi u t-Taħriġ (Europol) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2009/371/JHA u 2005/681/JHA [10](10 opinjonijiet); għal aktar dettalji ara l-Anness 2.

Bħal fl-2012, xi wħud mill-proposti li attiraw l-akbar ammont ta' opinjonijiet mill-Parlamenti nazzjonali kienu wkoll dawk li pprovokaw l-ogħla numru ta' opinjonijiet motivati taħt il-mekkaniżmu tal-kontroll tas-sussidjarjetà. Fl-2013, bħal fl-2012, sitt oqsma tal-politika rrappreżentaw aktar minn nofs l-opinjonijiet riċevuti fil-kuntest tad-djalogu politiku (323 minn 596 fl-2013). Dawn kienu l-ġustizzja, is-suq uniku intern u servizzi, il-mobbiltà u t-trasport, l-affarijiet interni, is-saħħa u l-konsumaturi u l-komunikazzjonijiet (għal aktar dettalji, ara l-Anness 3).

Fl-2012, il-Parlamenti nazzjonali ffukaw dejjem aktar id-djalogu politiku tagħhom mal-Kummissjoni dwar proposti leġiżlattivi, bi proporzjon żgħir biss tal-opinjonijiet sottomessi rigward inizjattivi mhux leġiżlattivi. Din ix-xejra kompliet fl-2013. Fost il-15-il dokument tal-Kummissjoni li ġġeneraw l-ogħla numru ta' opinjonijiet (jiġifieri sitta jew aktar) mill-Parlamenti nazzjonali, tnejn biss ma kinux leġiżlattivi.[11] Madankollu, b'mod simili għall-2012, waħda biss mill-15-il opinjoni politika mir-*Riksdag* Svediż kienu dwar dokumenti mhux leġiżlattivi, għalkemm dik il-kamra bagħtet ukoll l-ogħla numru ta' opinjonijiet motivati.

It-temi ewlenin tad-djalogu politiku

Il-proposti leġiżlattivi li ġejjin kienu fost dawk li ġibdu attenzjoni partikolari mill-Parlamenti nazzjonali fl-2013 (għal aktar dettalji, ara l-Anness 2). Peress li l-proposti kienu wkoll fost dawk li pprovokaw l-aktar opinjonijiet motivati, għandha ssir referenza wkoll għar-Rapport Annwali parallel 2013 dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, fejn tingħata deskrizzjoni aktar dettaljata.

- *Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (EPPO)*[12]

Bħalissa, l-Unjoni m'għandha tista' tgħid l-ebda poter li tintervjeni f'każijiet ta' użu ħażin kriminali li jolqot l-fondi tagħha. Iċ-ċifri ta' skoperta, ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni b'suċċess fir-rigward ta' reati kontra l-baġit tal-UE ivarjaw b'mod konsiderevoli minn Stat Membru għal ieħor (bejn 19 % u 90 %). L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew se jindirizza l-frammentazzjoni ta' prosekuzzjonijiet minħabba n-natura nazzjonali tas-sistemi tal-ġustizzja u wkoll il-problema li l-ġlieda kontra l-frodi Ewropew mhux dejjem ikollha

8 COM(2013) 133.
9 COM(2013) 296.
10 COM(2013) 173.
11 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar pjan ta' azzjoni għal unjoni ekonomika u monetarja profonda u ġenwina — It-tnedija ta' dibattitu Ewropew (COM(2012) 777) u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill: Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Profonda u Ġenwina Koordinazzjoni ex ante ta' pjanijiet għal riformi maġġuri ta' politika ekonomika (COM(2013)166).
12 COM(2013) 534.

prijorità għolja fil-livell nazzjonali. It-Trattat ta' Lisbona (Artikolu 86 tat-TFUE)[13] jipprovdi bażi legali speċifika għall-ħolqien tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew.

Il-Kummissjoni rċeviet 20 opinjoni fl-2013 dwar din il-proposta, li 13 minnhom kienu opinjonijiet motivati[14]. Peress li l-għadd ta' voti assoċjati ma' dawn l-opinjonijiet motivati qabeż il-limitu ta' 14 li japplika għall-proposti dwar ġustizzja u intern, skattat il-proċedura tal-karta safra.

- *Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati (id-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk)*[15]

  Il-proposta riveduta tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk tipprovdi regoli ġodda u msaħħa dwar kif il-prodotti tat-tabakk jistgħu jiġu manifatturati u ppreżentati għall-bejgħ fl-UE. B'mod aktar speċifiku, din tipproponi li jiġi pprojbit l-użu ta' sigaretti, tabakk tal-brim u prodotti tat-tabakk li ma jdaħħanx b'togħmiet u aromi karatterizzanti u tagħmilha obbligatorja li jintużaw twissijiet tas-saħħa bl-istampi kbar fuq is-sigaretti u t-tabakk tal-brim. Ipproponiet ukoll li tirregola l-bejgħ transfruntier fuq l-internet u pprovdiet għal karatteristiċi tekniċi kontra l-kummerċ illegali. Din ipproponiet ukoll miżuri relatati ma' prodotti li sa issa kienu għadhom ma ġewx speċifikament regolati, bħas-sigaretti elettroniċi u l-prodotti erbali għat-tipjip. Il-proposta [16]twieġeb għat-talbiet mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri u tirrifletti r-rapporti 2005 u 2007 tal-Kummissjoni stess dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-prodotti tat-tabakk (id- Direttiva 2001/37/KE).

  Dwar din il-proposta, il-Kummissjoni rċeviet 17-il opinjoni, li minnhom sebgħa kienu opinjonijiet motivati li kkontestaw il-konformità tal-proposta mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Filwaqt li din il-proposta attirat interess sinifikanti mill-Parlamenti nazzjonali, l-istandard minimu għal proċedura tal-karta safra (19-il vot) ma ntlaħaqx.

- *Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-ippjanar spazjali marittimu u l-ġestjoni integrata tal-kosta*[17]

  L-użu mhux koordinat ta' żoni kostali u marittimi attwalment tirriżulta f'kompetizzjoni għall-ispazju marittimu u kostali, u l-użu ineffiċjenti ta' riżorsi tal-baħar u kostali. L-inċertezza kontinwa u l-aċċess mhux previdibbli għall-ispazju marittimu ħolqu klima subottimali tan-negozju għall-investituri. Bħala riżultat ta' domanda dejjem tiżdied għall-ispazju marittimu għal attivitajiet ġodda, bħalma huma l-enerġija rinnovabbli u l-impjanti tal-akkwakultura, jeħtieġ li l-UE tiżgura li l-attivitajiet fuq il-baħar ikunu ppjanat b'mod koerenti. Il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri f'dan l-istadju għadha mhix avvanzata biżżejjed, u l-inkonsistenzi attwali bejn is-sistemi eżistenti ma jħallux li jsir ippjanar trandfruntier effiċjenti.

---

[13] Skont it-Trattati tal-UE, id-Danimarka mhix se tkun qed tieħu sehem f'EPPO u r-Renju Unit u l-Irlanda ddeċidew li ma jagħżlux li jidħlu.

[14] Ġew sottomessi opinjonijiet addizzjonali fl-2014.

[15] COM(2012) 788.

[16] Id-Direttiva ġiet adottata f'April 2014 u daħlet fis-seħħ f'Mejju 2014 bħala d-Direttiva 2014/40/UE.

[17] COM(2013) 133.

Dwar din il-proposta, il-Kummissjoni rċeviet 14-il opinjoni, li minnhom disgħa kienu opinjonijiet motivati li kkontestaw il-konformità tal-proposta mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

4. KUNTATTI U ŻJARAT

B'żieda mal-iskambju ta' opinjonijiet bil-miktub mill-Parlamenti nazzjonali u t-tweġibiet tal-Kummissjoni, id-djalogu politiku seħħ ukoll f'livell anqas formali, kemm permezz ta' laqgħat kif ukoll ta' kuntatti fuq livell politiku u amministrattiv. Dawn jinkludu dan li ġej:

Il-parti l-kbira tal-Parlamenti nazzjonali jkollhom laqgħat ma' membri tal-Kummissjoni fuq bażi regolari, kemm fi Brussell kif ukoll fl-Istati Membri rispettivi.

Il-Viċi President għar-relazzjonijiet interistituzzjonali, Maroš ŠEFČOVIČ, għamel tmien żjarat fil-Parlamenti nazzjonali fl-2013 (il-*Bundestag* Ġermaniż, is-*Sénat* Franċiż, il-*Hrvatski Sabor* Kroata, il-Kmamar Irlandiżi tal-*Oireachtas*; is-*Seimas* Litwan u n-*Národná Rada* Slovakka). Fl-istess sena, irċieva għadd kbir ta' viżitatuti/delegazzjonijiet minn Parlamenti nazzjonali fil-kwartieri tal-Kummissjoni fi Brussell (is-*Senát* Ċek, il-*Folketing* Daniż, is-*Sénat* Franċiż, il-Kmamar Irlandiżi tal-*Oireachtas,* is-*Senato della Repubblica* Taljan, il-Kamra tad-Deputati Maltija, is-*Sejm* Pollakk, u l-*Camera Deputaţilor* Rumena). Minbarra diskussjonijiet dwar proposti leġiżlattivi u inizjattivi ta' politika speċifiċi, dawn il-laqgħat koprew kwistjonijiet li jirrigwardaw il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Parlamenti nazzjonali kif ukoll kwistjonijiet dwar l-evoluzzjoni tal-governanza ekonomika u l-leġittimità demokratika.

Il-Kummissjoni kienet ukoll irrappreżentata fuq livell politiku fil-biċċa l-kbira tal-laqgħat interparlamentari fl-2013.

Il-Presidenti BARROSO (biswit il-Presidenti VAN ROMPUY u SCHULZ), il-Viċi Presidenti REHN u ŠEFČOVIČ u l-Kummissarji LEWANDOWSKI u ANDOR ħadu sehem fl-ewwel Ġimgħa Parlamentari Ewropea f'Jannar 2013.

Il-Viċi President ŠEFČOVIČ attenda laqgħa plenarja tal-COSAC f'Vilnius f'Ottubru 2013 u l-laqgħa tal-presidenti tal-COSAC f'Dublin f'Jannar 2013.

Il-Viċi President REHN attenda diskussjoni mal-Kumitat Baġitarju tal-*Eduskunta* Finlandiża, sabiex jippreżenta u jiddiskuti l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-abbozz ta' pjan baġitarju tal-Finlandja għall-2014.

Ir-Rappreżentanta Għolja tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/il-Viċi President tal-Kummissjoni, il-Barunessa ASHTON, attendiet żewġ laqgħat tal-Konferenza Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, li għandhom l-għan li jħajru l-kooperazzjoni interparlamentari f'dan il-qasam. L-ewwel laqgħa minn dawn saret f'Dublin f'April 2013, u t-tieni waħda saret f'Vilnius f'Settembru 2013.

Membri mill-uffiċċju tal-Kummissarju ŠEMETA u l-personal mid-DĠ BUDG ltaqgħu ma' delegazzjoni mill-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi tal-*Folketing* Daniż fi Brussell u mal-Parlament Olandiż fl-Aja dwar il-kwittanza tal-2012.

Wara l-adeżjoni tal-Kroazja mal-UE fl-1 ta' Lulju 2013, il-Kummissarju MIMICA ppreżenta l-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2014 lill-*Hrvatski Sabor* Kroata.

Uffiċjali tal-Kummissjoni attendew ukoll laqgħat ma' kumitati tal-Parlament nazzjonali, meta mitluba, u diversi servizzi tal-Kummissjoni (partikolarment id-DĠs CLIMA, ECFIN, ENER, id-DĠ ENV, id-DĠ HOME, JUST, DĠ MARE, DĠ MARKT, OLAF, REGIO, SANCO) attendew laqgħat regolari mar-rappreżentanti permanenti tal-Parlamenti nazzjonali bbażati fi Brussell biex jiddiskutu varjetà ta' inizjattivi li jkunu se jitnedew jew kwistjonijiet li għadhom għaddejjin.

Fl-2013, bħal fl-2012, ir-rappreżentanti permanenti tal-Parlamenti nazzjonali ltaqgħu wkoll mal-Viċi President ŠEFČOVIČ, kif ukoll mal-persunal fl-uffiċċji tal-President BARROSO, il-Viċi President ŠEFČOVIČ u membri oħra tal-Kummissjoni.

5. KONKLUŻJONIJIET U PROSPETTIVI

Il-volum sinifikanti ta' djalogu politiku bil-miktub bejn il-Kummissjoni u l-Parlamenti nazzjonali kompla fl-2013, b'total ta' madwar 600 opinjoni li nħarġu mill-Parlamenti nazzjonali. Filwaqt li kważi l-Kmamar kollha għamlu mill-inqas kontribuzzjoni waħda, l-għaxar kmamar l-aktar attivi irrappreżentaw kważi 80 % tal-opinjonijiet kollha li waslu. Id-dokumenti tal-Kummissjoni li pprovokaw l-aktar opinjonijiet kienu wkoll dawk li fuqhom il-Parlamenti nazzjonali ppreżentaw l-ogħla numru ta' opinjonijiet motivati. Minbarra d-djalogu bil-miktub, il-Kummissjoni kompliet b'kuntatti u laqgħat frekwenti mal-Parlamenti nazzjonali, kemm fil-livell politiku u kemm f'dak uffiċjali, fi Brussell u fl-Istati Membri.

Fil-bidu tal-2014, il-Parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew ikkonfermaw l-intenzjoni tagħhom li jkunu involuti aktar f'attivitajiet fil-livell tal-UE, bħalma huma s-Semestru Ewropew. Il-leġittimità demokratika se tibqa' suġġett essenzjali għad-diskussjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Parlamenti nazzjonali għal xi żmien.

Fil-laqgħa plenarja tal-COSAC f'Jannar 2014, it-temi rikorrenti kienu għal darb'oħra r-rwol tal-Parlamenti nazzjonali u l-leġittimità demokratika u r-responsabbiltà. It-*Tweede Kamer* Olandiża u l-*Folketing* Daniż ippreżentaw ideat u proposti speċifiċi ġodda dwar ir-rwol u d-drittijiet tal-Parlamenti nazzjonali.

F'April 2014, il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Affarijiet Kostituzzjonali adotta rapport minn Carlo CASINI (PPE/IT) dwar il-Parlamenti nazzjonali. Ir-rapport, fost affarijiet oħra, jirrakkomanda li l-Parlamenti nazzjonali "jieħdu passi biex itejbu l-proċedura ta' gwida u ta' skrutinju, bil-għan li tinkiseb aktar konsistenza". Jenfasizza wkoll il-mekkaniżmu ta' twissija bikrija bħala waħda mill-għodod sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni effikaċi bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u dawk nazzjonali u jilqa' l-fatt li l-mekkaniżmu jintuża wkoll bħala mezz ta' konsultazzjoni u djalogu kooperattiv bejn id-diversi istituzzjonijiet fis-sistema ta' governanza f'diversi livelli tal-UE.

It-tieni Ġimgħa Parlamentari Ewropea, li saret f'Jannar 2014, reġgħet uriet li l-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali għandhom interessi komuni. It-taqsima tal-konferenza interparlamentari tal-programm inkludiet erba' dibattiti fil-plenarja dwar l-iżbilanċi makroekonomiċi, il-leġittimità demokratika ta' programmi ta' aġġustament ekonomiku, għall-promozzjoni tat-tkabbir u l-impjiegi u t-tisħiħ tas-sorveljanza fiskali fl-UEM.

Anness 1

Numru ta' opinjonijiet li waslu għand il-Kummissjoni fl-2013 minn kull Parlament/kamra nazzjonali (djalogu politiku u mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà)

Stat Membru	**Kamra**	**L-Għadd totali ta' opinjonijiet**[18]	**Numru ta' opinjonijiet motivati (Protokoll Nru 2)**[19]
Il-Portugall	*Assembleia da República*	192	1
Ir-Repubblika Ċeka	*Senát*	64	2
Il-Ġermanja	*Bundesrat*	40	3
Franza	*Assemblée nationale*	40[20]	1
Ir-Rumanija	*Camera Deputaților*	38	2
L-Italja	*Senato della Republica*	36	2
Ir-Rumanija	*Senatul*	26	3
L-Isvezja	*Riksdag*	24	9
Ir-Renju Unit	House of Lords	18	3
Spanja	*Congreso de los Diputados* u *Senado* (iż-żewġt ikmamar)	17[21]	5[22]
L-Irlanda	Il-Kmamar tal-*Oireachtas* (iż-żewġt ikmamar)	12[23]	3[24]
Il-Pajjiżi l-Baxxi	*Eerste Kamer*	10	3
L-Awstrija	*Bundesrat*	9	6
Ir-Repubblika	*Poslanecká sněmovna*	8	2

[18] Jinkludi kemm l-opinjonijiet kif ukoll l-opinjonijiet motivati li waslu mill-Parlamenti nazzjonali.

[19] Biex tikkwalifika bħala opinjoni motivata skont id-definizzjoni fil-Protokoll Nru 2, opinjoni trid tiddikjara b'mod ċar ksur tas-sussidjarjetà u tintbagħat lill-Kummissjoni fi żmien tmien ġimgħat mit-trasmissjoni tal-proposta lill-Parlamenti nazzjonali.

[20] Li minnhom 25 intbagħtu mingħajr ma l-*Assemblée Nationale* uriet li tixtieq risposta.

[21] Magħduda bħala 17-il opinjoni minn żewġt ikmamar.

[22] Magħduda bħala ħames opinjonijiet motivati minn żewġt ikmamar.

[23] Magħduda bħala 12-il opinjoni minn żewġt ikmamar.

[24] Magħduda bħala tliet opinjonijiet motivati minn żewġt ikmamar.

Ċeka			
Franza	*Sénat*	8	4
Il-Polonja	*Senat*	8	2
Malta	*Kamra tad-Deputati*	7	5
Il-Pajjiżi l-Baxxi	*Tweede Kamer*	7	5
L-Italja	*Camera dei Deputati*	6	0
Il-Litwanja	*Seimas*	6	6
Il-Polonja	*Sejm*	6	2
Il-Lussemburgu	*Chambre des Députés*	5	2
Is-Slovenja	*Državni zbor*	5	1
Ir-Renju Unit	*House of Commons*	5	5
Id-Danimarka	*Folketing*	4	1
Il-Greċja	*Vouli ton Ellinon*	4	3
Il-Belġju	*Chambre des Représentants*	3	1
L-Awstrija	*Nationalrat*	2	0
L-Estonja	*Riigikogu*	2	1
Il-Finlandja	*Eduskunta*	2	1
L-Ungerija	*Országgyűlés*	2	1
Il-Belġju	*Sénat*	1	1
Il-Bulgarija	*Narodno Sabranie*	1	0
Iċ-Ċipru	*Vouli ton Antiprosopon*	1	1
Il-Latvja	*Saeima*	1	1
Is-Slovakkja	*Národná Rada*	1	0
Il-Kroazja (mill-01/07/2013)	*Hrvatski Sabor*	0	0
Il-Ġermanja	*Bundestag*	0	0

Is-Slovenja	*Državni svet*	0	0
AMMONT TOTALI		**621**	**88**

Anness 2

Dokumenti tal-Kummissjoni li ġġeneraw l-ogħla numru ta' opinjonijiet[25] li waslu għand il-Kummissjoni fl-2013 (id-djalogu politiku u l-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà)

	Dokument tal-Kummissjoni	Titolu	L-Għadd totali ta' opinjonijiet[26]	Numru ta' dawk li kienu opinjonijiet motivati (Protokoll Nru 2)[27]
1	COM (2013) 534	Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew	20[28]	13[29]
2	COM (2012) 788	Proposta għal Direttiva dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati	17	7
3	COM (2013) 133	Proposta għal Direttiva li tistabbilixxi qafas għall-ippjanar spazjali marittimu u għall-ġestjoni integrata tal-kosta	14[30]	9[31]

[25] It-tabella tikklassifika d-dokumenti kollha tal-Kummissjoni li dwarhom kien hemm minn tal-inqas sitt opinjonijiet mill-Parlamenti nazzjonali.

[26] Jinkludi kemm l-opinjonijiet kif ukoll l-opinjonijiet motivati li waslu mill-Parlamenti nazzjonali.

[27] Biex tikkwalifika bħala opinjoni motivata skont id-definizzjoni fil-Protokoll Nru 2, opinjoni trid tiddikjara b'mod ċar ksur tas-sussidjarjetà u tintbagħat lill-Kummissjoni fi żmien tmien ġimgħat mit-trasmissjoni tal-proposta lill-Parlamenti nazzjonali.

[28] Li minnhom waħda ġiet b'mod konġunt miż-żewġt ikmamar tal-Kmamar tal-Irlanda tal-*Oireachtas* — magħduda bħala opinjoni waħda minn żewġ kmamar.

[29] Li minnhom waħda ġiet b'mod konġunt miż-żewġt ikmamar tal-Kmamar tal-Irlanda tal-*Oireachtas* — magħduda bħala opinjoni waħda minn żewġt ikmamar. Skont il-Protokoll Nru 2, fil-każ ta' abbozz ta' att leġiżlattiv ippreżentat fuq il-bażi tal-Artikolu 76 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, meta l-opinjonijiet motivati jirrappreżentaw tal-inqas kwart tal-voti kollha allokati lill-Parlamenti nazzjonali — żewġ voti jew, fil-każ ta' sistema Parlamentari bikamerali, vot wieħed għal kull kamra — il-limitu tal-karta safra jintlaħaq, jiġifieri, l-abbozz għandu jiġi rivedut. It-13-il opinjoni motivata li jikkonċernaw COM(2013) 534 jirrappreżentaw 18-il vot u b'hekk jintlaħqu il-limitu tal-karta safra, bl-adeżjoni tal-Kroazja fl-1 ta' Lulju 2013, ta' 14 minn 56 vot.

[30] Li minnhom waħda ġiet b'mod konġunt miż-żewġt ikmamar tal-Kmamar tal-Irlanda tal-*Oireachtas* — magħduda bħala opinjoni waħda minn żewġ kmamar.

4	COM(2013) 173[32]	Proposta għal Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi u t-Taħriġ (Europol) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2009/371/ĠAI u 2005/681/ĠAI	10[33]	3[34]
5	COM (2013) 296	Proposta għal Regolament li jistabbilixxi qafas fuq l-aċċess għas-suq għas-servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet	10[35]	7[36]
6	COM(2013) 28[37]	Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1370/2007 fir-rigward tal-ftuħ tas-suq għas-servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri	9	6
7	COM (2013) 147	Proposta għal regolament dwar miżuri biex tonqos l-ispiża biex isiru netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja	9	2
8	COM(2012) 614[38]	Proposta għal Direttiva dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati f'borża u	8	5

31 Li minnhom waħda ġiet b'mod konġunt miż-żewġt ikmamar tal-Kmamar tal-Irlanda tal-*Oireachtas* — magħduda bħala opinjoni waħda minn żewġt ikmamar.

32 Waħda mill-opinjonijiet li jikkonċernaw dan id-dokument tal-Kummissjoni, mill-*Camera dei Deputati* Taljana kienet b'mod konġunt tikkonċerna wkoll COM(2013) 172.

33 Li minnhom waħda ġiet b'mod konġunt miż-żewġt ikmamar Spanjoli — magħduda bħala opinjoni waħda minn żewġ kmamar.

34 Li minnhom waħda ġiet b'mod konġunt miż-żewġt ikmamar Spanjoli — magħduda bħala opinjoni motivata waħda minn żewġ kmamar.

35 Li minnhom waħda ġiet b'mod konġunt miż-żewġt ikmamar Spanjoli — magħduda bħala opinjoni waħda minn żewġ kmamar.

36 Li minnhom waħda ġiet b'mod konġunt miż-żewġt ikmamar Spanjoli — magħduda bħala opinjoni motivata waħda minn żewġ kmamar.

37 Waħda mill-opinjonijiet li tikkonċerna dan id-dokument tal-Kummissjoni, mis-*Senát* tar-Repubblika Ċeka, ikkonċernat ukoll b'mod konġunt COM(2013) 25, COM(2013) 26, COM(2013) 27, COM(2013) 29, COM(2013) 30, u COM(2013) 31l. Waħda mill-opinjonijiet li tikkonċerna dan id-dokument tal-Kummissjoni, mill-*Assembleia da República*s Portugiża ikkonċernat ukoll b'mod konġunt COM(2013) 26, COM(2013) 27, COM(2013) 29, COM(2013) 30, u COM(2013) 31. Tlieta mill-opinjonijiet motivati dwar dan id-dokument tal-Kummissjoni, mill-*Eerste Kamer* Olandiża, it-*Tweede Kamer* Olandiża, u x-*Chambre des Députés* Lussemburgiża ikkonċernaw ukoll b'mod konġunt COM(2013) 29. Waħda mill-opinjonijiet motivati li tikkonċerna dan id-dokument tal-Kummissjoni, ġiet mir-*Riksdag* Svediż, kienet tikkonċerna b'mod konġunt ukoll COM(2013) 27, COM(2013) 29, COM(2013) 30, u COM(2013) 31.

		miżuri relatati		
9	COM (2013) 627	Proposta għal Regolament li jistabbilixxi miżuri biex jitlesta s-suq uniku Ewropew għall-komunikazzjoni elettronika u biex jinkiseb Kontinent Konness, u li jemenda d-Direttivi 2002/20/KE, 2002/21/KE u 2002/22/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1211/2009 u (UE) Nru 531/2012.	8	4
10	COM (2013) 71	Proposta għal Direttiva li timplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tat-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji	8	1
11	COM (2012) 777	Komunikazzjoni Pjan ta' azzjoni għal unjoni ekonomika u monetarja profonda u ġenwina: It-tnedija ta' Dibattitu Ewropew	6	0
12	COM(2013) 166[39]	Komunikazzjoni Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Profonda u Ġenwina Koordinazzjoni ex ante ta' pjanijiet għal riformi maġġuri ta' politika ekonomika	6	0
13	COM (2013) 228	Proposta għal Regolament dwar il-pormozzjoni tal-moviment liberu taċ-ċittadini u n-negozji permezz tas-simplifikazzjoni tal-aċċettazzjoni ta' ċerti dokumenti pubbliċi fl-Unjoni Ewropea u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012	6	1
14	COM(2013) 48[40]	Proposta għal Direttiva dwar	6	1

[38] Tnejn mill-opinjonijiet motivati dwar dan id-dokument tal-Kummissjoni, mill-*Poslanecká sněmovna* tar-Repubblika Ċeka u mill-*House of Lords* tar-Renju Unit kienu jikkonċernaw ukoll COM(2012) 615.

[39] Erba' opinjonijiet dwar dan id-dokument tal-Kummissjoni, mis-*Senát* tar-Repubblika Ċeka, il-*Poslanecká sněmovna* tar-Repubblika Ċeka, il-*Camera dei Deputati* Taljana, u l-*Assembleia da República* Portugiża, b'mod konġunt ikkonċernaw ukoll COM(2013) 165.

		miżuri li jiżguraw livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni fl-Unjoni		
15	COM (2013) 535	Proposta għal Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)	6	1

[40] Tnejn mill-opinjonijiet dwar dan id-dokument tal-Kummissjoni, mill-*Poslanecká sněmovna* tar-Repubblika Ċeka u mis-Senát tar-Repubblika Ċeka kienu jikkonċernaw b'mod konġunt ukoll JOIN(2013) 1.

Anness 3

Numru ta' opinjonijiet li waslu għand il-Kummissjoni fl-2013 minn kull servizz ewlieni tal-Kummissjoni (djalogu politiku u mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà)

Servizz Ewlieni tal-Kummissjoni	**L-Għadd totali ta' opinjonijiet[41]**
DĠ Suq Intern u Servizzi	68
DĠ Ġustizzja	67
DĠ. Mobbiltà u Trasport	61
DĠ Affarijiet Interni	52
DĠ Saħħa u Konsumaturi	43
DĠ Netwerks ta' Komunikazzjoni, Kontenut u Teknoloġija	38
DĠ Segretarjat Ġenerali	32
DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni.	25
DĠ għall-Politika dwar il-Klima	24
DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd	24
DĠ Ambjent	23
DĠ Tassazzjoni u Unjoni Doganali	21
DĠ Intrapriżi u Industrija	18
DĠ Enerġija	18
DĠ Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji	16
DĠ Eurostat	12
DĠ Politika Reġjonali	11
DĠ Riċerka u Innovazzjoni	11
DĠ għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali	8
DĠ Kompetizzjoni	8

[41] Jinkludi kemm l-opinjonijiet kif ukoll l-opinjonijiet motivati li waslu mill-Parlamenti nazzjonali.

DĠ Edukazzjoni u Kultura	7
DĠ Tkabbir	7
DĠ Kummerċ	7
DĠ EuropeAid Żvilupp u Kooperazzjoni	5
DĠ BUDG	4
L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)	4
Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	3
DĠ Komunikazzjoni	1
DĠ Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili	1
DĠ Riżorsi Umani u Sigurtà	1
Is-Servizz Legali	1
AMMONT TOTALI	**621**